

- (2) It-tieni motiv ibbażat fuq nuqqas ta' bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Jannar li tawtorizza l-konċertazzjoni saret inapplikabbli wara l-konstatazzjoni mill-Qorti Ġenerali tan-nuqqas ta' osservanza ta' ċerti impenji minn Lagardère.
- (3) It-tielet u r-raba' motivi bbażati fuq żbalji ta' liġi u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tal-kandidatura ta' Wendel, kemm fl-2004 kif ukoll fid-deċiżjoni l-ġdid ta' approvazzjoni, kif ukoll fuq żbalji li jirrigwardaw, minn naħa, it-teħid inkunsiderazzjoni, sabiex tiġi adottata d-deċiżjoni kkontestata, ta' data sussegwenti t-30 ta' Lulju 2004 u, min-naħa l-oħra, it-teħid inkunsiderazzjoni b'mod selettiv u parzjali ta' din id-data sussegwenti.
- (4) Il-ħames motiv ibbażat fuq użu ħażin ta' poter b'mod partikolari sa fejn, billi adottat *ex post* deċiżjoni ta' validazzjoni retroattiva ta' trasferiment illegali u billi approvat mandatorju ġdid responsabbli mill-inkarigu biss li jabbozza rapport ġdid li jikkonferma l-kwalitajiet ta' Wendel bħala akkwirent tal-assi trasferiti, il-Kummissjoni biddlet l-għan tal-Artikolu 266 TFUE u tar-Regolament Nru 4064/89 ⁽¹⁾, li kien jipprovdi, fost oħrajn, il-possibbiltà li tiġi rrevokat id-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni u li jiġu ssanzjonati l-partijiet responsabbli għall-illegalità mwettqa.

- (5) Is-sitt motiv ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni peress li d-deċiżjoni kkontestata hija nieqsa kemm minn insuffiċjenza u minn kontradizzjoni ta' motivi.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 31).

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Awwissu 2011 — PAsP et vs Il-Kunsill

(Kawża T-177/11) ⁽¹⁾

(2011/C 305/12)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-President tal-Ħames Awla ordna t-ħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 145, 14.5.2011.